



MINISTRU GĦAL ĠURNATA:

Negozjati b'27

Manwal għal min iħarreġ għal:

- ◆ Regolament dwar tikketta tal-moda ekwa
- Regolament għall-emissjonijiet ta' CO₂ għall-karozzi tal-passiġġieri
- Introduzzjoni ta' qafas tal-IA

Werrej

1. Logħob ta' Simulazzjoni: Metodoloġija tat-tagħlim	3
2. Mad-Daqqa t'Għajn: Tliet Temi	4
3. Kunċett tal-Logħba.....	5
4. Tliet każijiet fid-dettall	7
4.1 Regolament dwar tikketta tal-moda ekwa	7
4.2 Regolament għall-emissjonijiet ta' CO ₂ għall-karozzi tal-passiġġieri.....	9
4.3 Introduzzjoni ta' qafas tal-IA	11
5. Qabel il-logħba: Materjal, Tnejniet u Ppjanar	14
6. Waqt il-logħba: is-sekwenza tal-avvenimenti u l-kompiti tal-faċilitaturi.....	15
7. Wara l-Logħba: Suġġerimenti għall-Evalwazzjoni	19

1. Logħob ta' Simulazzjoni: Metodoloġija tat-tagħlim

Il-logħob ta' simulazzjoni huwa mezz ta' tagħlim attiv, għall-kuntrarju tat-tagħlim passiv. Il-modi ta' tagħlim attiv imorru lil hinn mill-mezzi familjari ta' kif nirċievu l-informazzjoni, bħalma huma s-smiġ u l-qari, u jippermettu lil dawk li qed jitgħallmu jibnu sinifikat huma stess. Bit-tagħlim attiv, il-parteċipanti jitgħallmu permezz tal-esperjenza personali billi japplikaw u jirriflettaw dwar dak li jkunu tgħallmu minn kotba akkademiċi u mill-għalliema.

Il-logħob ta' simulazzjoni jipprova wkoll l-empatija għal ideat u perspettivi oħra u jhegħegħ riflessjoni kritika dwar il-pożizzjoni ta' dak li jkun. Kull parteċipant irid jassumi rwol mhux familjari, jirrappreżenta l-interessi tal-karattru b'mod konvinċenti u waqt in-negozjati jipprova li jipprevalu dawn l-interessi - irrispettivament minn jekk jirriflettaw l-opinjoni proprji tal-parteċipant dwar il-kwistjoni jew le.

Permezz tal-interazzjoni mal-gruppi ta' atturi l-oħra, il-parteċipanti jesperjenzaw kif jaħdem fil-prattika proċess kumpless ta' teħid ta' deċiżjonijiet u kemm jista' jkun diffiċli biex jintlaħaq qbil ma' gruppi li jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' interessi. Meta jinteraġixxu ma' opinjonijiet u ideat oħra, il-parteċipanti jesperjenzaw b'mod dirett kif l-interessi jistgħu jinbidlu. Jitgħallmu wkoll li ta' spiss in-negozjati jkunu diffiċli, li mhux l-għanijiet kollha jistgħu jintlaħqu u li biex jintlaħaq kompromess hemm bżonn li kulħadd juri ċertu livell ta' rieda.

L-aspett soċjali tal-logħob ta' simulazzjoni huwa daqstant ieħor importanti. Il-parteċipanti jridu jieħdu deċiżjonijiet taħt pressjoni ta' ħin, jidentifikaw il-prijoritajiet u jiżviluppaw strateġiji. Filwaqt li l-ħidma kooperattiva intragrupp tippromwovi l-ħidma f'tim, id-diskussjonijiet intergruppi jsaħħu l-ħiliet ta' negozjar, kif ukoll il-kapaċità li jsir kompromess u li jiġu diskussi suġġetti diffiċli.

Idealment, dan kollu jseħħ waqt il-proċess, peress li waqt il-logħba l-parteċipanti ta' spiss lanqas ikunu konxji li qed jitgħallmu. Vantaġġ ewlieni tal-logħob ta' simulazzjoni huwa l-fatt li l-azzjonijiet ma jkollhom l-ebda konsegwenza reali, u għalhekk il-logħob jipprovdi ambjent ideali ta' tagħlim.

Fil-qosor, minħabba l-fatt li l-logħob ta' simulazzjoni jrawwem approċċ attiv, il-parteċipanti jitgħallmu b'mod aktar riflessiv, sostenibbli u olistiku - u fl-aħjar każijiet il-logħob ta' simulazzjoni huwa pjaċevoli u eċċitanti wkoll.

2. Mad-Daqqa t'Għajn: Tliet Temi

Din il-logħba ta' simulazzjoni toffri tliet suġġetti distinti li minnhom jistgħu jagħżlu l-faċilitaturi u l-gruppi. Kull tema tiddiskuti proposta ta' politika waħda minn perspettivi differenti.



Regolament dwar tikketta tal-moda ekwa

L-industrija tal-moda għustament għandha reputazzjoni ħażina: it-tniġġis ambjentali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol perikolużi, l-isfruttament, u l-iskart tat-tessuti. Min-naħa tal-konsumatur, f'tit hemm għarfien dwar dawn il-kwistjonijiet. Ir-"Regolament dwar Tikketta tal-Moda Ekwa" jesplora jekk l-Unjoni Ewropea għandhiex tintroduċi tikketta universali għal ħwejjeġ prodotti u kummerċjalizzati b'mod ġust, u kif għandha tagħmel dan.

Din is-simulazzjoni hija fittizja u mhix ibbażata fuq regolament reali tal-UE.

Għal aktar dettalji, ara l-kapitolu 4.1.



Regolament għall-emissjonijiet ta' CO₂ għall-karozzi tal-passiġġieri

Sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050, l-Unjoni Ewropea trid tintensifika l-isforzi fis-setturi kollha biex jtnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Is-settur tat-trasport għandu rwol kruċjali f'din it-tranżizzjoni. Fir-"Regolament għall-Emissjonijiet ta' CO₂ għall-Karozzi tal-Passiġġieri", l-istati membri tal-UE jinneogzjaw regolament ġdid li jimponi restrizzjonijiet fuq il-karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu bil-fjuwils fossili sabiex jiġu aċċellerati l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni, u l-adozzjoni tal-vetturi elettriċi u ta' infrastruttura tal-iċċarġjar fl-UE kollha.

Din is-simulazzjoni hija bbażata fuq ir-Regolament (UE) 2019/631 (standards tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi, 17 ta' April 2019) u r-Regolament (UE) 2023/1804 (il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, 13 ta' Settembru 2023).

Għal aktar dettalji, ara l-kapitolu 4.2.



Introduzzjoni ta' qafas tal-IA

Biex jiġi żgurat żvilupp responsabbli u sostenibbli tal-IA, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet l-introduzzjoni ta' qafas tal-IA biex jirregola l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-IA użati fl-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin, l-UE għandha l-għan li tistabbilixxi standards globali għall-iżvilupp tal-IA u li tistabbilixxi lilha nnifisha bħala mutur globali tal-IA. Is-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-kompetittività tas-suq, l-innovazzjoni, u t-tmexxija teknoloġika huma fil-qalba tan-negozjati li fihom huma involuti l-istati membri tal-UE.

Din is-simulazzjoni hija bbażata fuq ir-Regolament (UE) 2024/1689 (l-Att dwar l-IA, 13 ta' Ġunju 2024), propost mill-Kummissjoni fil-21 ta' April 2021. Is-simulazzjoni tiġri fl-2023.

Għal aktar dettalji, ara l-kapitolu 4.3

Hemm verżjoni standard tas-suġġetti "Regolament għall-emissjonijiet ta' CO₂ għall-Karozzi tal-Passiġġieri" u "L-introduzzjoni ta' Qafas tal-IA" għal gruppi li ma jkunx jafu xejn minn qabel dwar l-UE u verżjoni avvanzata għall-parteċipanti li diġà jkollhom għarfien dwar l-UE. Is-suġġett "Regolament dwar Tikketta tal-Moda Ekwa" jiġi fil-verżjoni standard biss.

3. Kunċett tal-Logħba

Kundizzjonijiet qafas

Il-logħba ta' simulazzjoni hija maħsuba biex tagħti lill-istudenti impressjoni ta' kif jaħdem il-Kunsill tal-UE. Għandu jiġi enfazzat li għalkemm in-negozjati bejn l-istati membri ta' spiss huma diffiċli, jistgħu jinstabu kompromessi u soluzzjonijiet vijabbli.

Minn naħa waħda, is-simulazzjoni tan-negozjati tal-Kunsill għandha tkun kemm jista' jkun realistika. Għal din ir-raġuni, kull stat membru huwa rappreżentat, irrispettivament minn kemm-il parteċipant jieħu sehem fil-logħba ta' simulazzjoni. Min-naħa l-oħra, xi simplifikazzjonijiet ikunu meħtieġa biex ikun jista' jinstab kompromess f'perjodu ta' żmien limitat. Għal din ir-raġuni l-interessi tal-pajjiż jistgħu xi drabi jiddevjaw mill-pożizzjoni politika reali ta' pajjiż. Madankollu, il-livell ta' simplifikazzjoni jinżamm f'minimu biex jiġi żgurat li l-pożizzjonijiet tal-pajjiżi jibqgħu marbuta mill-qrib mal-preferenzi reali ta' pajjiż partikolari.

L-attività hija mmirata lejn gruppi ta' **bejn 20 u 50 persuna**. Il-parteeipanti jistgħu jvarjaw f'termini ta' età, il-kuntest li ġejjin minnu u l-għarfien li jkollhom minn qabel.

Verżjonijiet

Il-verżjonijiet avvanzati ("Regolament għall-emissjonijiet ta' CO₂ għall-Karozzi tal-Passiġġieri" u "Introduzzjoni ta' qafas tal-IA") huma mfassla għal gruppi li jkollhom diġà għarfien tal-UE, bħal studenti universitarji minn programmi ta' lawrji rilevanti. B'kuntrast ma' dan, il-verżjonijiet standard huma adattati għal gruppi li ma jkollhom l-ebda għarfien minn qabel tal-UE. Id-differenza ewlenija bejn il-verżjonijiet standard u dawk avvanzati tinsab fil-kumplessità tal-punti ta' negozjar u l-argumenti korrispondenti.

B'kollox, is-simulazzjoni, inkluż l-introduzzjoni u l-evalwazzjoni, iddum **120 minuta**. Huwa rrakkomandat ħafna li jiġi previst aktar żmien għall-verżjoni avvanzata ta' **"Introduzzjoni ta' qafas tal-IA"**.

Kumplessità ta' diversi xenarji

Il-moda ekwa	
Regolamentazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (standard)	
Regolamentazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO ₂ (avvanzata)	 
Introduzzjoni ta' qafas tal-IA (standard)	 
Introduzzjoni ta' qafas tal-IA (avvanzata)	  

Rwoli

Kull parteċipant jieħu rwol. Qabel ma tibda l-logħba ta' simulazzjoni, il-faċilitatur irid jiddeċiedi liema rwoli ser jiġu rappreżentati fil-logħba, skont l-għadd ta' parteċipanti. It-tabelli fit-taqsimiet hawn taħt jagħtu ħarsa ġenerali u gwida dwar liema rwoli għandhom jintgħażlu għad-daqsijiet rispettivi tal-gruppi.

Il-faċilitaturi għandhom ir-rwol tas-Segretarjat u jagħtu pariri lill-presidenza dwar it-tmexxija tal-logħba. Fir-realtà, il-persunal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jieħu l-pożizzjoni tas-Segretarjat.

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill huwa rappreżentat mill-faċilitatur(i). Il-Kummissjoni Ewropea dejjem tiġi rappreżentata minn parteċipant wieħed. Il-Kummissarju għandu d-dritt jitkellem waqt in-negozjati, iżda mhux li jivvota. Il-kompitu tal-Kummissjoni huwa li tippreżenta l-proposta għal regolament u li tgħin lill-Kunsill jilħaq kompromess. Il-logħba tqis il-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill. Parteċipant wieħed jassumi r-rwol tal-presidenza. Il-kompitu tiegħu jew tagħha huwa li jmexxi/tmexxi n-negozjati u jinnegozja/tinnegozja kompromess bejn l-istati membri. Fir-realtà, hu jew hi jpoġġi/tpoġġi ħdejn il-ministru tal-istat membru li jkollu l-presidenza dak iż-żmien. L-atturi l-oħra kollha jassumu r-rwoli tal-ministri tal-istati membri tal-UE.

Għażla tal-kamra

Il-kamra li fiha tintlagħab il-logħba għandha tkun kbira biżżejjed għal gruppi b'sa 50 parteċipant. Sabiex il-parteeipanti jiġu megħjuna jidentifikaw ruħhom mar-rwol assenjat lilhom, huwa rakkomandat li l-kamra u l-mejda tan-negozjati jkunu jidhru kemm jista' jkun awtentiċi, eż. billi jiġu inklużi tabelli bl-isem tal-pajjiżi u bnadar.

Nissuġġerixxu li l-mejda tan-negozjati uffiċjali titqiegħed fin-nofs tal-kamra. Il-ministri tal-istati membri u r-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea jpoġġu madwar din il-mejda. Il-mejda għandha tkun tista' takkomoda l-parteeipanti kollha. Jekk ikun hemm aktar minn ministru wieħed għal kull pajjiż, wieħed minnhom jista' jkollu jpoġġi fit-tieni ringiela - iżda f'dak il-każ il-faċilitatur għandu jhegħġiġhom biex f'xi mument jibdlu posthom. Ministru wieħed jista' jittellem matul l-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali, u l-ieħor matul it-tieni wieħed, pereżempju.

4. Tliet każijiet fid-dettall



4.1 Regolament dwar tikketta tal-moda ekwa

Fid-dinja globalizzata tagħna, ħafna minna jikkontribwixxu għall-isfruttament tal-ħaddiema - sempliċement billi nixtru flokk. L-industrija tal-ħwejjeġ lesti timpjega madwar 60 miljun ħaddiem madwar id-dinja. 70% minnhom huma nisa, li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jaħdmu l-ġurnata kollha għal paga baxxa ħafna.

L-industrija tat-tessuti tikkawża wkoll ħsara ambjentali: fl-2016, l-industrija tat-tessuti kienet responsabbli għal bejn 5 u 10% tat-tniġġis globali tal-arja. Barra minn hekk, 20% tat-tniġġis tal-ilma ħelu kollu huwa kkawżat mit-trattament u l-kolorazzjoni tat-tessuti. Filwaqt li s-sensibilità ambjentali u soċjali fost iċ-ċittadini tal-UE qed tiżdied, is-sehem tas-suq tal-moda mgħaġġla fil-faxxa tal-prezzijiet baxxi sa daww medji huwa qrib it-80%. Il-moda ekwa jew sostenibbli (slow fashion) hija l-uniku mod biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jitnaqqas it-tniġġis ambjentali.

Għalkemm bħalissa l-moda ekwa hija fil-qalba ta' bosta diskussjonijiet, għad trid tinholq tikketta uniformi għall-UE kollha għall-ħwejjeġ prodotti b'mod ekwu. It-tikkettar tal-moda ekwa bħalissa huwa taħlita ta' skemi nazzjonali, reġjonali, pubbliċi u privati.

Għal aktar tagħrif u żviluppi reċenti, żur:

- ◆ Il-Kummissjoni tal-UE, Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs: Leġislazzjoni dwar it-tessuti u l-ħwejjeġ, https://ec.europa.eu/growth/sectors/fashion/textiles-clothing/legislation_en (15/03/2019)
- ◆ Il-Kummissjoni tal-UE: Iċ-ċittadini tal-UE u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Ewrobarometru Speċjali 537. <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2952> (16/07/2025)
- ◆ Iċ-Ċentru tar-Riżorsi tan-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (2018), L-industrija Ewropea tat-tessuti u d-diliġenza dovuta fir-rigward id-drittijiet tal-bniedem: Żviluppi ewlenin, allegazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-aħjar prattiki, https://www.business-humanrights.org/sites/default/files/EU_Textile_Briefing_Final.pdf (15/03/2019)

Is-simulazzjoni tmur pass lil hinn minn dan. Il-Kummissjoni tagħmel proposta għal regolament dwar l-istabbiliment ta' tikketta tal-moda ekwa bħala rispons għall-interess dejjem jikber ta' iċ-ċittadini tal-UE fil-prodotti sostenibbli u prodotti b'mod ekwu. It-tikketta ppjanata ser tiffoka b'mod partikolari fuq l-istandards soċjali. Issa l-Kunsill Kompetittività jrid jiddiskuti u jiddeċiedi dwar pożizzjoni komuni fil-qafas tal-proċedura leġislattiva ordinarja. Il-Kunsill huwa favur l-introduzzjoni tat-tikketta? Liema standards iridu jintlaħqu mill-produtturi biex jiksibu din iċ-ċertifikazzjoni?

Wieħed jassumi li l-biċċa l-kbira tal-abbozz ta' regolament diġà ntlaħaq qbil dwaru fil-livell tal-grupp ta' ħidma u tal-Coreper. Għaldaqstant, il-proposta hija ferm aktar sempliċi milli kieku tkun fir-realtà iżda fiha żewġ punti politikament sensitivi li jridu jiġu diskussi mill-ministri. Għal kull artikolu hemm tliet opzjonijiet (li wieħed jagħżel minnhom) u l-possibbiltà li jintlaħqu compromessi ulterjuri waqt in-negozjati.

Il-punti ta' kontenzzjoni (bħala punti bullit) huma:

Artikolu 1: Standards soċjali minimi

Is-settijiet tat-tikketta tal-moda ekwa

- ♦ **standards soċjali għoljin** li jipprevedu pagi li jiggarrantixxu l-għajxien, jipprojbixxu t-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat u jiggarrantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u sikuri.
jew
- ♦ **standards soċjali medji** li jipprojbixxu t-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat u jiggarrantixxu rekwiżiti minimi għall-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.
jew
- ♦ **standards soċjali bażiċi** li jeliminaw l-aġar forom ta' tħaddim tat-tfal u jipprojbixxu x-xogħol furzat.

Artikolu 2: In-natura vinkolanti tal-kriterji

- ♦ **Miżuri stretti:** In-negozji jkunu responsabbli li jagħtu prova tal-konformità mal-istandards u li jidhru quddiem il-qorti Ewropej jekk l-istandards ma jintlaħqux.
jew
- ♦ **Miżuri moderati:** Kontrolli fuq il-post li permezz tagħhom korpi indipendenti jissorveljaw jekk l-istandards humiex qed jiġu rispettati.
jew
- ♦ **Miżuri ħfief:** Impenji ġenerali ("kodiċi ta' kondotta") fejn il-bejjiegħa stess jieħdu miżuri biex jikkonformaw mal-istandards.

Allokazzjoni tar-Rwoli

Il-pajjiżi li ġejjin jikkondividu xi wħud mill-istess argumenti:

Bulgarija Kroazja Rumanija	Finlandja Netherlands Żvezja	Belġju Danimarka Irlanda	Ungerija Latvja Litwanja Slovakkja
Ċipru Franza Italja	Ċekja Estonja Polonja Slovenja	Awstrija Ġermanja Lussemburgu	Greċja Malta Portugall Spanja

Għat-tqassim tar-rwoli għal daqsijiet differenti tal-grupp, ara l-kapitolu 5.



4.2 Regolament għall-emissjonijiet ta' CO₂ għall-karozzi tal-passiġġieri

Bħala parti għall-Ftehim ta' Pariġi, l-UE hija impenjata li tiġġieled it-tibdil fil-klima. Fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-UE stabbiliet l-għan li ssir newtrali għall-klima sal-2050. Dan jirrikjedi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (emissjonijiet ta' GHG), li l-UE qed ttipprova tindirizza permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea 2019-2024.

Is-settur tat-trasport huwa tal-akbar importanza biex il-Patt Ekoloġiku jkollu suċċess. Mill-2019, it-trasport huwa responsabbli għal kwart tal-emissjonijiet kollha ta' GHG fl-UE. Il-karozzi tal-passiġġieri u l-muturi huma s-sors ta' 60% minnhom. It-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport huwa notorjament diffiċli - bejn l-1990 u l-2019 l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq żdiedu bi 28%.

Għal aktar tagħrif u żviluppi reċenti, żur:

- Il-Kummissjoni tal-UE, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, https://climate.ec.europa.eu/eu-action/european-climate-law_en (07/03/2019)
- Il-Kummissjoni tal-UE, standards ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet, https://climate.ec.europa.eu/eu-action/transport/road-transport-reducing-co2-emissions-vehicles/co2-emission-performance-standards-cars-and-vans_en (07/03/2025)
- L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, it-Trasport u l-Mobilità, <https://www.eea.europa.eu/en/topics/in-depth/transport-and-mobility> (07/03/2025)

Is-simulazzjoni tħares lejn l-emissjonijiet ta' CO₂ esklużivament mill-karozzi tal-passiġġieri u hija bbażata fuq in-negozjati tal-2019 dwar proposta għal regolament dwar l-emissjonijiet ta' CO₂ mill-karozzi ġodda tal-passiġġieri u l-implimentazzjoni ta' infrastruttura għall-vetturi elettriċi. Ir-regolament ippjanat ser jiffoka fuq skadenza għar-reġistrazzjoni ta' karozzi bbażati fuq il-fjuwils fossili u fuq stazzjonijiet tal-iċċarġjar fit-toroq fl-istati membri tal-UE. Issa l-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija jrid jiddiskuti u jiddeċiedi dwar pożizzjoni komuni fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-Kunsill huwa favur l-introduzzjoni tar-regolament? X'miri jistgħu jaqblu dwarhom l-istati membri?

Wieħed jassumi li l-biċċa l-kbira tal-abbozz ta' regolament diġà ntlaħaq qbil dwaru fil-livell tal-grupp ta' ħidma u tal-Coreper. Għaldaqstant, il-proposta hija ferm aktar sempliċi milli kieku tkun fir-realtà iżda fiha żewġ punti politikament sensitivi li jridu jiġu diskussi mill-ministri. Għal kull artikolu hemm żewġ opzjonijiet (li wieħed irid jagħżel minnhom) u l-possibbiltà li jintlaħqu kompromessi ulterjuri waqt in-negozjati.

Il-punti ta' kontenzjoni (enfasizzati b'tipa grassa) huma:

Verżjoni Standard

Artikolu 1

Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) ser jitneħħew gradwalment. L-ebda karozza ġdida bbażata fuq il-petrol jew id-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena **2030/2035/2040/2050**.

Artikolu 2

L-istati membri tal-UE **jimpenjaw ruħhom li/jimmiraw li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karożżi tal-passiġġieri fl-awtostradi kollha. Il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **40/60/80/100** kilometru bogħod minn xulxin.

Verżjoni Avvanzata

Artikolu 1

- A) Reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna (li jużaw petrol jew diżil) ser jitneħħew gradwalment. Il-vetturi elettriċi jridu jirrappreżentaw **25/40/50/55/75%** tal-vetturi rreġistrati ġodda sas-sena **2025/2027/2030**.
- B) L-ebda karozza ġdida bbażata fuq il-petrol jew id-diżil ma għandha tiġi rreġistrata fl-UE mis-sena **2030/2035/2040/2050**.

Artikolu 2

- A) L-istati membri **jimpenjaw ruħhom li/jimmiraw li** jipprovdu network ta' punti tal-iċċarġjar elettriku għall-karożżi.
- B) Dan in-network għandu jkopri **n-network TEN-T/l-awtostradi kollha**. Fin-network, il-punti tal-iċċarġjar ma jistgħux ikunu aktar minn **40/60/80/100** kilometru bogħod minn xulxin.

Allokazzjoni tar-rwoli

Il-pajjiżi li ġejjin jikkondividu xi wħud mill-istess argumenti:

Malta Litwanja Irlanda Lussemburgu	Finlandja Greċja Slovenja Żvezja	Awstrija Belġju Netherlands Danimarka	Franza Ġermanja Slovakkja Italja
Latvja Bulgarija Rumanija Ċekja	Polonja Ungerija Kroazja Ċipru	Estonja Portugall Spanja	-

Għat-tqassim tar-rwoli għal daqsijiet differenti tal-grupp, ara l-kapitolu 5.



4.3 Introduzzjoni ta' qafas tal-IA

L-intelliġenza artifiċjali qed tiżviluppa malajr, u qed toffri soluzzjonijiet għall-oqsma kollha tal-ħajja, tan-negozju, u tas-soċjetà. S'issa, il-prodotti diġitali kienu regolati biss permezz tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), u oqfsa oħra tas-sikurezza u tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li tkopri d-dritt għall-privatezza u n-nondiskriminazzjoni. Madankollu, l-ebda qafas speċifiku ma ġie stabbilit għall-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA).

Bħala parti mill-istrateġija tagħha għad-Deċennju Diġitali, l-UE qed timmira li tkun minn ta' quddiem fl-intelliġenza artifiċjali (IA) filwaqt li tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-kompetittività tas-suq, l-innovazzjoni, u t-tmexxija teknoloġika. Fil-qalba ta' dawn id-diskussjonijiet hemm proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni Ewropea, li għandha l-għan li tirregola l-iżvilupp tal-IA ġewwa l-UE. In-negozjati ilhom għaddejjin mill-2021. Għal aktar tagħrif u żviluppi reċenti, żur:

- Il-Kummissjoni tal-UE, Id-Deċennju Diġitali tal-Ewropa, <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/europes-digital-decade> (20/04/2025)
- Il-Kummissjoni tal-UE, Approċċ Ewropew għall-intelliġenza artifiċjali, inkluż skeda ta' żmien li twassal sal-Att tal-UE dwar l-IA, <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/european-approach-artificial-intelligence> (20/04/2025)
- Il-Kummissjoni Ewropea, Att dwar l-IA, <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/regulatory-framework-ai> (20/04/2025)
- Il-Parlament Ewropew, L-Att tal-UE dwar l-IA: l-ewwel regolamentazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali, <https://www.europarl.europa.eu/topics/mt/article/20230601STO93804/eu-ai-act-first-regulation-on-artificial-intelligence#:~:text=In%20April%202021%2C%20the%20European,risk%20they%20pose%20to%20users> (08/06/2023)
- Il-Kunsill Ewropew, Benefiċċji u riskji tal-IA, <https://www.consilium.europa.eu/mt/policies/benefits-and-risks-of-ai/> (20/04/2025)

Is-simulazzjoni, li tiġri fl-2023, issewgi bl-aħħar ċiklu ta' negozjati meħtieġa biex jintlaħaq ftehim dwar Att konġunt tal-UE dwar l-IA. Diġà ġew diskussi diversi aspetti f'negozjati preċedenti, bħad-definizzjoni u r-rekwiżiti għall-mudelli tal-IA b'applikazzjonijiet b'riskju inaċċettabbli, b'riskju baxx, u mingħajr riskju. Il-punti ta' kontenzjoni ewlenin jiffukaw fuq il-klassifikazzjoni tar-riskju għal applikazzjonijiet tal-IA b'riskju għoli, li tista' ssewgi jew approċċ ibbażat fuq il-kapaċità - fejn is-sistemi tal-IA jiġu kklassifikati abbażi tal-kapaċitajiet teknoloġiċi tagħhom - jew approċċ ibbażat fuq l-għan, li fih l-IA titqies bħala b'riskju għoli jekk tintuża f'setturi speċifiċi.

Il-verżjoni avvanzata tas-simulazzjoni tindirizza wkoll ir-rekwiżiti għal sistemi tal-IA b'riskju għoli, u tippreżenta għażla bejn qafas prekawżonarju u riġidu, u wieħed aktar flessibbli.

Il-punti ta' kontenzzjoni (bħala punti bullit) huma:

Verżjoni Standard

Artikolu 1

L-UE qed tadotta standard komuni għall-ġestjoni tar-riskju fl-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni, l-importazzjoni u l-użu tas-sistemi tal-IA. Dawn is-sistemi huma kklassifikati bħala mingħajr riskju, b'riskju baxx, b'riskju għoli jew b'riskju inaċċettabbli (ara l-Anness I). Biex tiddefinixxi sistemi tal-IA b'"riskju għoli", l-UE ser tadotta

- **klassifikazzjoni tar-riskju bbażata fuq il-kapaċità: ir-riskju huwa ddeterminat mill-ħiliet tekniċi tas-sistema.**
jew
- **klassifikazzjoni tar-riskju bbażata fuq l-għan: ir-riskju huwa bbażat fuq l-użu maħsub tal-IA f'setturi sensittivi.**

Abbażi ta' din il-klassifikazzjoni tar-riskju, is-sistemi tal-IA b'"riskju għoli" jridu jgħaddu minn ittestjar rigoruż qabel ma jiġu mnedija.

Artikolu 2

Id-dispożizzjoni mniżżla fl-Artikolu 1 għandha tapplika għas-sistemi kollha tal-IA,

- **mingħajr eċċezzjoni.**
jew
- **mingħajr eċċezzjoni, ħlief jekk is-sistema tiġi żviluppata bħala sors miftuħ.**
u/jew
- **ħlief meta tiġi żviluppata minn kumpaniji żgħar jew start-ups.**
u/jew
- **ħlief meta tiġi żviluppata għal skopijiet militari jew ta' difiża.**
u/jew
- **ħlief meta tiġi żviluppata għas-sigurtà nazzjonali, il-migrazzjoni, jew il-kontroll tal-fruntieri.**

Verżjoni Avvanzata

Artikolu 1A

L-UE qed tadotta standard komuni għall-ġestjoni tar-riskju fl-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni, l-importazzjoni u l-użu tas-sistemi tal-IA. Dawn is-sistemi huma kklassifikati bħala mingħajr riskju, b'riskju baxx, b'riskju għoli jew b'riskju inaċċettabbli (ara l-Anness I). Biex tiddefinixxi sistemi tal-IA b'"riskju għoli", l-UE ser tadotta

- **klassifikazzjoni tar-riskju bbażata fuq il-kapaċità: ir-riskju huwa ddeterminat mill-ħiliet tekniċi tas-sistema.**
jew
- **klassifikazzjoni tar-riskju bbażata fuq l-għan: ir-riskju huwa bbażat fuq l-użu maħsub tal-IA f'setturi sensittivi.**

Abbażi ta' din il-klassifikazzjoni tar-riskju, is-sistemi tal-IA b'"riskju għoli" jridu jgħaddu minn ittestjar rigoruż qabel ma jiġu mnedija.

Artikolu 1B

Waqt l-iżvilupp ta' sistemi tal-IA b'"riskju għoli", l-iżviluppaturi jridu jadottaw

- **approċċ prekawżjonarju: jaderixxu ma' rekwiżiti standardizzati u rigorużi ta' ttestjar.**
jew
- **approċċ flessibbli: iwettqu awtoevalwazzjoni tal-mudell tal-IA qabel it-tnedija.**

(ara l-Anness II).

Artikolu 2

Id-dispożizzjoni mniżżla fl-Artikolu 1 għandha tapplika għas-sistemi kollha tal-IA,

- **mingħajr eċċezzjoni.**
jew
- **mingħajr eċċezzjoni, hliet jekk is-sistema tiġi żviluppata bħala sors miftuħ.**
u/jew
- **ħliet meta tiġi żviluppata minn kumpaniji żgħar jew start-ups.**
u/jew
- **ħliet meta tiġi żviluppata għal skopijiet militari jew ta' difiża.**
u/jew
- **ħliet meta tiġi żviluppata għas-sigurtà nazzjonali, il-migrazzjoni, jew il-kontroll tal-fruntieri.**

Allokazzjoni tar-rwoli

Il-pajjiżi li ġejjin jikkondividu xi wħud mill-istess argumenti:

Ġermanja Belġju Ċipru Greċja Spanja	Franza Awstrija Danimarka Rumanija Polonja	Kroazja Italja Slovenja Netherlands
Malta Lussemburgu Bulgarija Slovakkja	Ċekja Estonja Ungerija Latvja Litwanja	Finlandja Irlanda Żvezja Portugall

5. Qabel il-logħba: Materjal, Tħejjijiet u Ppjanar

Il-kamra għandha tkun irranġata skont il-pjan għat-tqassim tas-siġġijiet (ara Għażla tal-Kamra hawn fuq).

Ser ikollok bżonn ukoll ta' dawn li ġejjin:

- PC bi proġettur imqabbad miegħu;
- profili tar-rwoli skont l-għadd ta' parteċipanti (ara t-taqsima Rwoli għal kull każ hawn fuq). Jekk ikun hemm inqas minn 29 parteċipant, uħud minnhom jirrappreżentaw pari ta' pajjiżi. Jingħataw il-profil tar-rwol għal wieħed miż-żewġ pajjiżi;
- tikketti ta' identifikazzjoni skont l-għadd ta' parteċipanti (ara t-taqsima Rwoli għal kull każ hawn fuq);
- tabelli bl-isem tal-pajjiżi;
- qanpiena għal fuq il-mejda;
- borża tal-ġuta jew kaxxa għat-tikketti ta' identifikazzjoni.

Affarijiet oħra li għandek tiftakar qabel ma tibda l-logħba:

- iftaħ il-preżentazzjoni tal-PowerPoint fuq il-PC;
- poġġi kemm għandek bżonn tikketti tal-ismijiet għall-grupp fil-borża tal-ġuta jew fil-kaxxa;
- poġġi t-tabelli bl-isem tal-pajjiżi fuq il-mejda tan-negozjati;
- poġġi l-profil tar-rwoli wiċċhom 'l isfel maġenb it-tabella bl-isem tal-pajjiż korrispondenti fuq il-mejda tan-negozjati.

Distribuzzjoni tar-rwoli skont id-daqs tal-grupp

Jekk ikun hemm 29 parteċipant, kull stat membru jkun rappreżentat minn persuna waħda (27 stat membru + il-Kummissjoni tal-UE + il-Presidenza).

Hu nota li: Huwa possibbli wkoll li l-faċilitatur jassumi r-rwol tal-Presidenza u/jew tal-Kummissjoni. Dan jista' jiġi deċiż mill-faċilitatur abbażi tal-preferenza tiegħu/tagħha u l-kuntest.

Jekk ikun hemm 30 parteċipant jew aktar, xi stati membri jkunu rappreżentati minn żewġ persuni (it-tnejn li huma fir-rwol ta' ministru). Pereżempju, jekk il-grupp ikun magħmul minn 33 parteċipant, l-Awstrija, il-Belġju, Franza, u l-Ġermanja jkunu rappreżentati minn żewġ persuni iżda jkollhom vot wieħed biss kull wieħed. Minkejja dan, iż-żewġ ministri għandu jkollhom ċans jikkellmu - pereżempju, wieħed jikkellem fl-ewwel ċiklu ta' negozjati uffiċjali, wieħed fit-tieni ċiklu; jew wieħed jippreżenta l-pożizzjoni tagħhom dwar l-Artikolu 1, l-ieħor dwar l-Artikolu 2.

Jekk ikun hemm inqas minn 29 parteċipant, ir-rwoli tal-presidenza u tal-Kummissjoni għandhom jittieħdu mill-faċilitatur qabel ma jitnaqqas l-għadd ta' pajjiżi preżenti.

Jekk ikun hemm inqas minn 27 parteċipant, xi stati membri ma jistgħux ikunu preżenti. Sabiex tiġi żgurata rappreżentanza bbilanċjata tal-argumenti, l-għadd ta' stati membri għandu jitnaqqas minn gruppi differenti ta' pajjiżi li jikkondividu wħud mill-istess argumenti.

6. Waqt il-logħba: is-sekwenza tal-avvenimenti u l-kompiti tal-faċilitaturi

Ir-rwol tal-faċilitaturi (Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill)

Il-faċilitaturi għandhom jiżguraw li l-parteċipanti kollha jkunu fehma x'inhi l-logħba, x'inhu x-xenarju u x'inhuma r-regoli. Barra minn hekk, il-faċilitaturi għandhom jispjegaw lill-parteċipanti li:

- qed jilagħbu logħba, jiġifieri l-azzjonijiet tagħhom mhux ser ikollhom effett dewwiemi fuq il-ħajja reali tagħhom, u li l-interessi u l-argumenti tar-rwol tagħhom mhux ser jitqiesu bħala l-opinjoni personali tagħhom;
- il-logħba taħdem biss u tkun divertenti meta l-parteċipanti kollha jkunu involuti.

Matul il-logħba, il-faċilitaturi jassumu r-rwol tas-Segretarjat u għandhom jibqgħu kemm jista' jkun fl-isfond. Inqas ma jintervjenu l-faċilitaturi, aktar tirnexxi l-logħba.

Madankollu, jekk ikun hemm bżonn il-faċilitaturi jridu jkunu lesti jintervjenu. Il-kompiti tagħhom jinkludu li:

- iwieġbu mistoqsijiet dwar il-kontenut, ir-regoli tal-logħba, problemi organizzattivi u tekniċi, l-iskeda, eċċ.;
- josservaw id-dinamika tal-logħba u, jekk meħtieġ, jinfluwenzaw l-andament tal-logħba (eż. ikellmu lil ċerti parteċipanti);
- iżommu għajnejhom fuq id-dinamika fid-diversi gruppi u jintervjenu fejn xieraq;
- jiżguraw li l-parteċipanti kollha qed isegwu b'mod attiv il-logħba, u ma jiġux diżillużi bil-politika jew il-proċess politiku; logħba ta' simulazzjoni tajba tqajjem l-interess tal-parteċipanti fil-politika;
- isegwu l-iskeda u jekk meħtieġ ifakkru lill-parteċipanti fl-iskeda;
- jiddokumentaw l-aspetti rilevanti tal-logħba u josservaw l-imġiba fin-negozjati għall-evalwazzjoni.

Nota: il-kumplessità tan-negozjati tista' tkun kbira wisq għal xi parteċipanti minħabba l-ammont kbir ta' informazzjoni u l-pressjoni fuq il-ħila tagħhom li jikkellmu b'mod konvinċenti u jippreżentaw argument. Il-faċilitaturi għandhom ikunu kapaċi jikkonvinċu lill-parteċipanti inqas kunfidenti li l-ideat u l-kontributi tagħhom huma validi u li huwa siewi li jinvolvu ruħhom fil-logħba. L-xenarju ideali huwa li l-membri "aktar b'saħħithom" ta' tim jgħinu lil dawk "aktar dgħajfa".

Fażijiet	Attivitajiet	Kompiti għall-faċilitaturi	Materjal u għażla tal-kamra	Tul ta' ħin
Wasla	20–50 parteċipant jidħlu fil-kamra. Huma u deħlin, jieħdu minn kaxxa tikketta ta' identifikazzjoni li tassenja r-rwol tagħhom u l-istat membru jew l-istati membri li jirrappreżentaw. Ipoġġu mal-mejda tan-negozjati, fejn posthom ikun immarkat b'tabella bl-isem.	Qassam it-tikketti ta' identifikazzjoni fid-daħla (jekk il-faċilitatur ikun jaf l-għadd proprju ta' parteċipanti minn qabel. Jekk le, il-parteċipanti jieħdu post u t-tikketti ta' identifikazzjoni jitqassmu malli jkun preżenti l-parteċipanti kollha.) Iggwida lill-parteċipanti fejn għandhom ipoġġu. Għid lill-presidenza liema stat membru għandu l-presidenza u spjega kif jaħdmu flimkien.	Tikketti ta' identifikazzjoni Mejda tan-negozjati li tesa' l-għadd ta' parteċipant f'nofs il-kamra Tabelli bl-isem tal-pajjiż fuq il-mejda Profili tar-rwoli mqiegħda wiċċhom 'l isfel fuq il-mejda f'kull post	Qabel il-logħba
Introduzzjoni	Il-parteċipanti jassumu r-rwol tagħhom. Isiru familjari mal-kuntest u l-kontenut tas-simulazzjoni. Jistudjaw l-iskeda taż-żmien, ir-rwol tagħhom u l-kompiti tagħhom fil-logħba.	Ilqa' lill-parteċipanti. Introduċi l-kuntest u s-suġġett. Spjega r-regoli tal-logħba, l-iskeda taż-żmien u l-kompitu li jiġi assunt rwol.	Il-parteċipanti jpoġġu mal-mejda Skript għall-faċilitatur Skrin tal-projezzjoni Preżentazzjoni bil-PowerPoint	10'
Tħejjija	Il-parteċipanti jaqraw il-profil tar-rwol tagħhom. Jiddiskutu l-kontenut u l-istrateġija fit-tim tagħhom, jiddefinixxu l-pożizzjoni tagħhom dwar l-abbozz ta' regolament u jieħdu nota ta' argumenti addizzjonali. Jiltaqgħu ma' stati membri oħra li magħhom jikkondividu xi argumenti. Kull stat membru jħejji dikjarazzjoni qasira tal-ftuħ (mhux itwal minn minuta), li fiha jgħidu l-pożizzjoni tagħhom dwar iż-żewġ artikoli. Jistgħu jużaw l-iskript provdut fil-profil tar-rwoli tagħhom. Il-Kummissjoni tħejji wkoll dikjarazzjoni tal-ftuħ (mhux itwal minn minuta), fejn tippreżenta l-abbozz ta' proposta tagħha. Jiġi pprovdut skript fil-profil tar-rwol. Il-presidenza tħejji l-istqarrija tagħha tal-ftuħ u tilqa' lill-parteċipanti l-oħra. Jiġi pprovdut skript fil-profil tar-rwol.	Wieġeb il-mistoqsijiet individwali. Għarraf lill-presidenza: spjega l-kompiti tagħha u aġhti parir dwar kif għandha tiftaħ in-negozjati uffiċjali, kif għandha tippresiedi n-negozjati u kif għandha tilħaq kompromess. Għarraf lill-Kummissjoni: spjega l-kompiti tagħha u aġhti parir dwar kif għandha tippreżenta u tiddefendi l-abbozz ta' proposta. Aċċerta ruħek li l-gruppi kollha jħejju d-dikjarazzjoni tagħhom tal-ftuħ. Ġestjoni tal-ħin	Il-parteċipanti jpoġġu mal-mejda. Jekk ikun hemm bżonn jistgħu jiltaqgħu għal deliberazzjonijiet ma' stati membri oħra li magħhom jikkondividu xi argumenti.	30'

Negojzati uffiċjali	In-negojzati uffiċjali jinfetħu mill-presidenza (li tpoġġi fidejn id-delegazzjoni tal-istat membru li attwalment ikollu l-presidenza fid-dinja reali). Il-Kummissjoni mbagħad tippreżenta l-abbozz ta' regolament tagħha. Wara, l-istati membri jikkomunikaw il-pożizzjonijiet tagħhom dwar l-abbozz f'dikjarazzjoni tal-ftuħ ta' minuta (tour de table). L-istati membri jiġu mistiedna jiċċaraw jekk ikollhomx l-istess pożizzjoni ta' stati membri oħra, eż. "Il-pożizzjoni tagħna hija xyz, li hija simili għall-pożizzjoni tal-istat membru X." Naturalment, jistgħu jżidu argumenti addizzjonali. Jekk ikun fadal xi ftit ħin, wara t-tour de table issir diskussjoni miftuħa, immoderata mill-presidenza.	Osserva d-dinamika tal-logħba. Fakkar lill-parteċipanti fl-iskeda. Jekk ikun hemm bżonn: aġti parir lill-presidenza u lil gruppi oħra, wieġeb il-mistoqsijiet individwali.	Il-ministri kollha u r-rappreżentant tal-Kummissjoni jieħdu posthom mal-mejda. Il-presidenza tpoġġi mad-delegazzjoni tal-istat membru li attwalment ikollu l-presidenza tal-Kunsill. Qanpiena għal fuq il-mejda għall-presidenza	35'
Deliberazzjonijiet interni	L-istati membri jiltaqgħu lil hinn mill-mejda tan-negojzati għal deliberazzjonijiet interni. Jirriflettu dwar iċ-ċiklu ta' negożzati reċenti u jiddeliberaw fuq kompromessi possibbli. Il-presidenza tfejji proposta ta' kompromess.	Jekk ikun hemm bżonn: Aġti parir dwar opzjonijiet possibbli għal kompromess. Aġti parir lill-presidenza u appoġġaha fit-tfassil ta' proposta ta' kompromess.	Il-parteċipanti jiltaqgħu fi gruppi x'imkien fil-kamra.	10'-20'
Negojzati uffiċjali u teħid ta' deċiżjonijiet	Id-delegati jmorru lura mal-mejda tan-negojzati. Il-presidenza tippreżenta proposta ta' kompromess. L-istati membri jiddiskutu fil-qosor bidliet li jistgħu jsiru fl-abbozz. Il-presidenza tressaq kwalunkwe proposta ta' kompromess promettenti għall-votazzjoni. Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tiġi adottata meta jaqblu mill-anqas 55% tal-istati membri li jirrappreżentaw mill-inqas 65% tal-popolazzjoni tal-UE. Idealment, għandha dejjem tiġi mfittxa l-unanimità, iżda jekk din ma tkunx possibbli, tiġi applikata r-regola tal-maġġoranza doppja.	Osserva d-dinamika tal-logħba. Fakkar lill-parteċipanti fl-iskeda. Jekk ikun hemm bżonn, aġti parir lill-presidenza u lil gruppi oħra, wieġeb il-mistoqsijiet individwali. Jekk ikun hemm bżonn, għin lill-presidenza bil-votazzjoni.	Il-parteċipanti (ministri + presidenza + Kummissjoni) ipoġġu mal-mejda tan-negojzati. Il-faċilitatur (li jassumi r-rwol tas-Segretarjat) ipoġġi maġend il-presidenza. Il-presidenza tingħata l-kalkulatur tal-votazzjoni fuq laptop jew apparat mobbli sabiex tissorvelja l-voti.	15'-25'

Għoti ta' informazzjoni	Il-parteċipanti joħorġu mir-rwoli tagħhom. Jirriflettu dwar il-logħba u jqabbluha mar-realtà. Jingħataw l-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet u jagħtu feedback.	Mistoqsijiet possibbli: • Kif ħassejtukom fir-rwol tagħkom? • Kif kontu taslu għal deċiżjoni fil-ħajja reali? • X'tgħallimtu dwar il-ħidma tal-Kunsill? Iċċara d-differenzi u s-similaritajiet bejn il-logħba u r-realtà. Itlob feedback: • X'għoġobkom dwar il-logħba? • X'jista' jsir biex tittejjeb il-logħba? <i>Ara wkoll l-aspetti speċifiċi għas-suġġett tal-Briefing fit-Taqsima 7</i>		20'-30'
Total				120'-150'

7. Wara l-Logħba: Suġġerimenti għall-Evalwazzjoni

L-evalwazzjoni hija importanti ħafna biex jiġi żgurat tagħlim sostenibbli. Din tkompli l-proċess tal-iżvilupp tal-għarfien u l-ħiliet, tpoġġi l-informazzjoni intuittiva miksuba f'perspettiva u torbotha mar-realtà. Għal dan il-għan, l-evalwazzjoni toħroġ lill-parteċipanti mir-rwoli tagħhom, tgħinhom jirriflettu dwar l-esperjenza tagħhom, u tiċċara kwalunkwe kunflitt li seta' kien hemm matul il-logħba.

Wara l-logħba, ir-riżultati u l-andament tan-negożjati jiġu evalwati u, fejn possibbli, jiġu marbuta mal-għarfien diġà miksub. Malli tintemm il-logħba, huwa kruċjali li l-parteċipanti jkunu jistgħu joħroġu mir-rwoli tagħhom. Bħala att simboliku, għandhom jagħtu lura t-tikketti ta' identifikazzjoni tagħhom. Biex tkun tista' ssir diskussjoni riflessiva dwar il-logħba u l-eżitu tagħha, huwa importanti li l-parteċipanti jerġgħu lura għall-identitajiet reali tagħhom.

L-evalwazzjoni bażikament issir f'erba' fażijiet li huma deskritti fit-taqsimiet li ġejjin.

Analiżi intuittiva

L-għan ta' din il-fażi huwa li l-parteċipanti joħroġu mir-rwoli tagħhom. Din l-analiżi inizjali tal-logħba tista' tinkludi l-ħelsien mill-frustrazzjoni jew l-espressjoni ta' emozzjonijiet. Il-mistoqsijiet ewlenin huma:

- Kif mortu fil-logħba?
- Kif ħassejtukom fir-rwol tagħkom?

"Flashlighting" huwa metodu adatt għad-diskussjoni: il-faċilitatur jiġbor dikjarazzjonijiet bil-fomm fil-qosor fil-plenarja. F'dan l-istadju, la l-faċilitatur u lanqas il-parteċipanti ma għandhom jikkumentaw dwar id-dikjarazzjonijiet tal-oħrajn. Xi tweġibiet tipiċi jistgħu jkunu:

- "Ħadt gost imma spiċċajt bla saħħa".
- "Sibtha iebes biex nilħqu qbil".
- "Kien interessanti tara kif isiru n-negożjati politiċi".

Riflessjoni u distakk

Matul din il-fażi, jiġi analizzat l-andament tal-logħba proprja. Sabiex jintlaħaq qbil waqt il-logħba, il-parteċipanti kellhom iċedu l-pożizzjonijiet inizjali tagħhom. Ir-riflessjoni tista' tinvolvi diskussjoni dwar sa fejn il-parteċipanti kellhom iċedu l-pożizzjonijiet inizjali tagħhom sabiex jilħqu qbil waqt il-logħba. Din ir-riflessjoni tista' ssir bħala diskussjoni plenarja jew diskussjoni fi grupp, fejn jinġabru flimkien il-parteċipanti li waqt il-logħba kkondividew xi wħud mill-istess argumenti. Il-mistoqsijiet ewlenin huma:

- Kif jista' jiġi deskritt l-andament tal-logħba? (Staqsijiet lill-parteċipanti kemm kellhom jikkompromettu.)
- Liema argumenti kienu partikolarment konvinċenti?
- Kien diffiċli li jintlaħaq qbil? Jekk iva, għaliex?
- X'kienu l-mumententi deċiżivi waqt il-logħba?

Trasferiment

Il-mistoqsijiet ewlenin li ġejjin huma rilevanti f'din il-fażi:

- X'kien realistiku? X'ma kienx realistiku?
- Kif kontu taslu għal deċiżjoni fil-ħajja reali?
- Fid-dawl tar-riżultati ta' dawn in-negożjati, x'taħseb li kien jiġri wara?

Normalment, il-parteċipanti jipperċepixxu bħala mhux realistiki sitwazzjonijiet fil-logħba li fil-verità jkunu pjuttost realistiki, anke jekk mhux mal-ewwel daqqa t'għajn. Xi eżempji u tweġibiet possibbli:

- *"Il-logħba kienet ħafna iqsar mill-proċess politiku fir-realtà".*
Iva, dażgur. Iżda anke fir-realtà, il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet politiċi jridu jsiru taħt pressjoni ta' ħin. Is-simulazzjoni għandha l-għan li twassal il-pressjoni u r-restrizzjonijiet ta' negożjati politiċi, in-neċessità li jinstabu kompromessi u l-pressjoni ta' ħin li xi drabi jittieħdu taħtha d-deċiżjonijiet politiċi finali. Proposti tipiċi għal regolament jikkonsistu f'aktar artikoli. Għall-finijiet tal-logħba, l-artikoli l-oħra kollha tqiesu li

ntlaħaq qbil dwarhom fil-livell ta' grupp ta' ħidma u tal-Coreper. Hemm biss żewġ kwistjonijiet politiċi għad-diskussjoni fil-livell ministerjali - dawk huma ż-żewġ artikoli diskussi llum.

- *"Ma konniex nafu biżżejjed dwar is-suġġett; ma kellna ebda informazzjoni dwar il-kuntest".*

Fil-ħajja reali, jiġu kkonsultati esperti, jagħtu kontribut gruppi ta' interess u jsir sħarriġ. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, il-biċċa l-kbira tal-politiċi jaqblu li ta' spiss ma jkunux informati biżżejjed.

- *"Aħna assumejna rwol".*

Naturalment, il-ministri fil-Kunsill ma jassumux rwol. Iżda peress li ma jipparteċipawx bħala individwi privati b'opinjonijiet personali, hemm rabta mal-logħba. Il-ministri jirrappreżentaw il-gvern ta' pajjiżhom u għandhom mandat speċifiku x'jinneogzjaw. Għalhekk, mhux bilfors li l-mandat tal-gvern tagħhom jirrifletti l-opinjoni personali tagħhom. F'dak ir-rigward huma wkoll irridu jassumu rwol.

Biex jitqabbel ix-xenarju fittizju tal-logħba mal-proċedura leġislattiva ordinarja, ċart li tispjega s-sekwenza tal-proċess reali tista' tgħin.

Barra minn hekk, jistgħu jsiru xi riflessjonijiet relatati mat-tema:



Regolament dwar tikketta tal-moda ekwa

- Is-suġġett huwa fittizju u mhux ibbażat fuq leġislazzjoni reali tal-UE.
- Is-suġġetti ffukaw fuq għadd limitat ta' aspetti u ma missewx oħrajn, bħat-trasport u l-konsenja, ir-riskji ekoloġiċi, l-istandards tas-sikurezza tal-prodotti, eċċ.

Kwistjonijiet oħra relatati mat-tema:

- X'taħsbu dwar l-industrija tal-moda mgħaġġla u l-effetti usa' tagħha - fuq l-ambjent, fuq l-ekonomija, fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali mal-pajjiżi ta' oriġini, eċċ.?
- X'inhil-opinjoni tagħkom dwar ir-regolamentazzjoni tagħha lil hinn mill-aspetti diskussi?
- X'argumenti oħra hemm li ma smajtux fis-simulazzjoni? (eż. il-konnessjoni bejn il-paġi tal-ħaddiema u t-tħaddim tat-tfal mar-relazzjonijiet kummerċjali; l-impatt ambjentali; il-kompetittività; il-kwistjonijiet tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti)



Regolament dwar l-emissjonijiet ta' CO₂ għall-karozzi tal-passiġġieri

- Il-każ iffoka biss fuq il-vetturi elettriċi u l-vetturi ibridi ġew esklużi.
- Il-każ eżamina l-infrastruttura tal-iċċarġjar iżda ma kkunsidrax is-sorsi tal-enerġija użati għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.
- Fl-2019, it-tassonomija tal-UE kienet għadha ma ġietx definita, u allura n-negozjati oriġinali ddibattew ukoll jekk l-enerġija nukleari tiġix klassifikata bħala sostenibbli.

Kwistjonijiet oħra relatati mat-tema:

- Fl-opinjoni tagħkom, f'liema oqsma huwa l-eħfef li jiġu implimentati regolamenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂? F'liema oqsma intom u l-ħbieb jew il-graba tagħkom issibuha l-aktar faċli biex tnaqqsu l-emissjonijiet?
- Xi rwol taħsbu li għandha l-imġiba umana biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂? Ikkunsidraw il-kuntrast bejn il-persuni li jieħdu gost isuku l-karozzi li jiġru ħafna u dawk li jippreferu jsuku r-rota.



Introduzzjoni ta' qafas tal-IA

- Is-suġġett tal-IA jkopri ħafna aktar mistoqsijiet milli jista' jkopri dan ix-xenarju. Agħti ħarsa lejn it-test finali tal-Att tal-UE dwar l-IA biex tidentifika punti ta' diskussjoni addizzjonali.
- Id-diskussjonijiet dwar l-Att tal-UE dwar l-IA damu aktar minn tliet snin.

Kwistjonijiet oħra relatati mat-tema:

- Kif tħossukom dwar il-futur tal-IA?
- X'inhi l-opinjoni tagħkom dwar ir-regolamentazzjoni tagħha? X'inhu aktar importanti għalikom: Regolament li jiżgura żvilupp etiku u responsabbli tal-IA jew titjib rapidu tal-kapaċitajiet tal-IA tal-UE?
- X'argumenti oħra hemm li ma smajtux fis-simulazzjoni? (eż. l-ebda pajjiż ma ppropona regolamentazzjoni aktar b'saħħitha tal-IA biex jinċentiva lill-utenti jużaw l-IA inqas - pjuttost, l-istati nembri kollha jaqblu li sa ċertu punt l-IA hija l-futur f'bosta setturi; l-impatt ambjentali tas-sistemi tal-IA).
- Kif tista' l-komunità globali tiġġieled id-"distakk diġitali"? Id-"distakk diġitali" jirreferi għal dinamika differenti tad-distribuzzjoni tal-aċċess u tal-poter fir-rigward tal-IA; eż. il-foqra u l-anzjani spiss ikollhom inqas aċċess għat-teknoloġija minn żgħażaġh minn stati aktar sinjuri; L-impjanti tal-IA għandhom ammonti kbar ta' data, li tiġi skrapjata jew miġbura minn ħaddiema prekarji f'pajjiżi foqra.

Evalwazzjoni tal-logħba

Eventwalment, il-parteċipanti għandu jkollhom l-opportunità li jagħtu feedback dwar il-logħba nnifisha. Kwistjonarju standardizzat huwa mod wieħed kif jista' jinġabar feedback anonimu mingħand kull parteċipant. Madankollu, normalment huwa aktar utli li l-parteċipanti jiġu mistiedna jiktbu t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet li ġejjin:

- X'tgħallimtu dwar il-ħidma tal-Kunsill?
- X'għoġobkom?
- X'jista' jittejjeb?

Kummenti finali

In-negozjati f'logħba ta' simulazzjoni jistgħu jkunu frustranti, speċjalment meta l-parteċipanti ma jirnexxilhomx jilħqu qbil. Naturalment, dan huwa eżitu realistiku, speċjalment meta tiġi simulata sitwazzjoni ta' kunflitt fejn l-atturi involuti jirrappreżentaw interessi diverġenti ħafna. Li tinftiehem din id-dinamika tan-negozjati tista' tkun ukoll opportunità tajba ta' tagħlim.

Madankollu, speċjalment maż-żgħażaġh, din il-frustrazzjoni potenzjali tista' tħalli impressjoni negattiva tal-politika. Din min-naħa tagħha tista' tipperikola għan importanti tal-logħob ta' simulazzjoni fl-edukazzjoni ċivika, li huwa li joħloq interess fil-politika. Din id-dilemma ma għandhiex tiġi injorata iżda għandha tiġi diskussa aktar fl-evalwazzjoni finali tal-logħba, biex possibbilment il-parteċipanti jieħdu magħhom stampa aktar realistika ta' kif taħdem il-politika: proċess xi kultant twil u tedjanti biex jinstab kompromess. U għalkemm dan jista' jkun eżawrjenti, xorta waħda jista' jkun aħjar mill-biċċa l-kbira tal-alternattivi.